Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,889, 25 ta' Settembru, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XLI ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

ACT No. XLI of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Entertainments Tax Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

25 ta' Settembru, 1981

ATT Nru. XLI ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tad-Divertimenti (Emenda Nru. 2), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandu jkollhom effett minn dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista jistabbilixxi b'avviż lil-Gazzetta.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Divertimenti li huma suġġetti għal rati baxxi tat-taxxa.

5. (1) It-taxxa għandha titħallas bir-rati li ġejjin meta l-atturi li l-kliem jew l-azzjonijiet tagħhom jikkostitwixxu d-divertiment ikunu fil-fatt preżenti u jkunu qed jaħdmu waqt id-divertiment, u meta, fil-fehma tal-Kummissarju, d-divertiment ikun jikkonsisti fi —

(a) *ballet*, reċitazzjoni, rappreżentazzjoni tal-palk jew rappreżentazzjoni tal-mużika, kemm vokali jew strumentali jew it-tnejn, ta' xorta kulturali jew edukattiva	10% tal-prezz imħallas
(b) rappreżentazzjoni tal-palk (barra minn rappreżentazzjoni tal-palk ta' xorta kulturali jew edukattiva)	20% tal-prezz imħallas

(ċ) rappreżentazzjoni talmużika, (barra minn rappreżentazzjoni ta' xorta kulturali jew edukattiva), kemm vokali jew strumentali jew it-tnejn ... 20% tal-prezz imħallas:

Iżda ma għandha titħallas ebda taxxa jekk ir-rappreżentanti jkunu residenti ta' Malta.

(2) Meta d-divertiment jikkonsisti f'esibizzjoni, ċirklu, *travelling show* jew *menagerie*, it-taxxa għandha titħallas bl-20% tal-prezz imħallas.

(3) Ma għandha titħallas ebda taxxa jekk il-prezz għad-dħul jew għal parteċipazzjoni jkun ħames ċenteżmi jew inqas.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu —

"residenti ta' Malta" tfisser individwu li hu ċittadin ta' Malta u li ordinarjament jirrisjedi f'Malta.".

Emenda ta' **l-artikolu 6** ta' l-Att prinċipali.

3. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Għall-finijiet ta ' dan l-artikolu, "divertiment" m'għandhiex titqies li tinkludi tlielaq taż-żwiemel jew xi xorta oħra ta' *sport* atletiku.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 540 tat-23 ta' Settembru, 1981.

CALCIDON AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati